**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 50/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Amanda Borg Manduca**

Illum, 30 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Amanda Borg Manduca, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 430990(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Jannar tas-sena 2024 għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija fil-Ħamrun u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Kif ukoll fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi naqset li tidher għall-ordni tal-awtorita' msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew naqset li tosserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew inħbiet jew telqet minn Malta, jew waqt li kienet meħlusa mill-arrest ikkommettiet delitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja, jew interferixxiet, jew ippruvat tinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor intralċjat jew ipprovat tintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tagħha jew ta' xi persuna oħra, u dan bi ksur tal-artikolu 579(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi naqset milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tatha l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Jannar 2024, fejn il-Qorti sabet lil imputata mhux ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u lliberata minnhom.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Fl-eventwalita' li din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju, tiddisponi minn dan l-appell skond il-liġi; u/jew
2. Fl-eventwalita' li din il-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok issib lill-appellata ħatja tal-imputazzjonijiet relattivi u konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu vventilat, l-Avukat Ġenerali jeċepixxi n-nullita' tas-sentenza appellata u dana għaliex din ma kenitx waħda motivata. Issa għalkemm l-appellant Avukat Ġenerali jindika illi huwa qiegħed jeżerċita d-dritt tiegħu ta' appell bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikoli 413(1)(b)(iv), 413(1)(ċ) u l-artikolu 413(3) tal-Kodiċi Kriminali, huwa evidenti illi l-aggravji minnu mqanqla diretti lejn id-deċiżjoni appellata huma msejsa fuq analiżi mhux kompluta tal-fatti u tal-liġi u jindika fil-fatt illi din kienet riżultat ta' apprezzament żbaljat tal-provi. Ma jidhirx għalhekk illi t-talba għal reviżjoni hija ibbażata fuq dak dispost fl-artikolu 413(1)(b)(iv) li jitratta

appell minn sentenza fejn ***l-imputat jew l-intimat jiġi liberat minħabba f'li -(i) l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat,(ii) l-azzjoni tiġi estinta, (iii) ikun hemm sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni preċedenti.***

Illi huwa biss meta jirrikorru dawn iċ-ċirkostanzi illi l-Qorti tal-Maġistrati ***fis-sentenza għandha ssemmi biċ-ċar din ir-raġuni; fin-nuqqas ta' dan, is-sentenza tkun nulla, u din in-nullità tkun tagħti jedd ta'appell lill-Avukat Ġenerali.***

Altrimenti kif diversi drabi miżmum minn din il-Qorti, in-nuqqas ta' motivazzjonijiet fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma twassalx għan-nullita' prospettata fil-liġi u dan għaliex l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma jirrikejdiex bħala wieħed mir-rekwiżiti għal validita ta' sentenza li din tkun motivata.

Issa, l-appellata ġiet illiberata mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħha u dan wara li l-Ewwel Qorti ikkonkludiet illi mix-xiehda u d-dokumenti li hemm fl-atti dawn l-imputazzjonijiet ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest fil-liġi, sabiex huwa evidenti illi hija waslet għal liberatorju unikament fuq apprezzament tal-provi, u mhux fuq xi enunċjazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi.

Illi minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza oriġinali tagħha, l-Avukat Generali m'ghandux dritt ta' appell hekk imsejjaħ "awtomatiku". Jikkonsegwi illi sabiex l-Avukat Ġenerali jirradika d-dritt tal-appell tieghu, il-każ irid jinkwarda f'xi wahda mill-ipotesijiet kontemplati fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 413 tal-Kodici Kriminali[1].

Fil-fatt, kif ingħad, fit-tieni aggravju ventilat minnu, għalkemm l-Avukat Ġenerali jikkontendi li l-Ewwel Qorti għamlet analizi mhux kompluta tal-fatti u tal-liġi applikabbli bil-konsegwenza li waslet għall-konklużjoni zbaljata, madanakollu minn qari tal-aggravju huwa evidenti li l-ilment tiegħu huwa kollu kemm hu msejjes fuq il-

[1] QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012 Appell Kriminali Numru. 101/2011 Il-Pulizija (Spt. Jesmond Micallef) Vs Maria Clara Grech

fatti tal-każ meta huwa tal-fehma illi mill-provi kien ċar illi l-appellata naqqset milli tosserva l-obbligi marbuta ma' ħin ta' rinkażar u rappurtar ġewwa l-għassa tal-pulizija kuljum. Fil-fatt jikkontendi l-Avukat Ġenerali f'dan l-aggravju illi l-Ewwel Qorti għaddiet għad-deċizjoni tagħha bħala riżultat ta' apprezzament żbaljat tal-provi minnha magħmul.

Illi, minn ħarsa lejn iċ-ċitazzjoni jemerġi illi z-zewġ imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata huma dawk li jirrigwardaw l-allegat ksur tal-kundizzjonijet marbuta mal-ħelsien mill-arrest. Dawn ir-reati jġorru magħhom piena ta' priġunerija ta' bejn erba' xhur u sentejn, u allura il-prosekuzzjoni għall-istess taqa' fil-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati fit-termini ta'l-artikolu 370(1) tal-Kodiċi Kriminali. Jikkonsegwi għalhekk li l-Avukat Ġenerali, u anke l-kwerelant, kif diġa' ingħad, għandhom jedd għall-appell limitat mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal dawk il-kawżi ikkontemplati fl-artikolu 370(1) u dan hekk kif stipulat fl-Artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ifisser għalhekk illi lill-Avukat Ġenerali ma huwiex mogħti il-jedd ta' appell minn sentenza appellata meta dan l-appell jkun jistrieħ fuq apprezzament ta' provi. *In oltre*, l-Artikolu 413(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, iċċitat mill-Avukat Ġenerali u li fuqu qed isejjes l-ewwel aggravju dwar in-nullita'tas-sentenza appellata, lanqas ma jsib applikazzjoni f'dan il-każ.

**Għal dawn il-motivi hawn fuq premessi, din il-Qorti tiddikjara l-appell tal-Avukat Ġenerali bħala irritu u null u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**